KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**12/17**

**Minuti tat-tnax –il laqgħa tas-sbatax il-sena (Is-Sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ġimgħa 20 ta' Awissu 2010.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti**: | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| **Nota:** | Waqt din il-laqgħa s-Sur Horace J. Anastasi nħatar Sindku. | | |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| **Nota**: | Waqt din il-laqgħa s-Sur Ronald Briffa nħatar Viċi Sindku | | |
| | Is-Sur Charles Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph M. Formosa | - | Aġent Segretarju |
| **Skużat**: | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Skużat |

**<u>AĠENDA</u>**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti (Minuti tas-27 ta' Lulju 2010, minuti tal-4 ta' Awissu 2010)
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti (Minuti tas-27 ta' Lulju 2010, minuti tal-4 ta' Awissu 2010)
4. Ħatra tas-Sindku u Viċi Sindku
5. Għeluq

Qabel bdiet il-laqgħa s-Sur Stephen Sultana ġibed l-attenzjoni li kuntrarju għall-passat li l-laqgħat kienu jiġu rikordjati għal xi raġuni ġara li għal madwar ħames laqgħat ilu, dan ir-rekordjar waqaf.
Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li fiċ-ċirkostanzi fejn it-teknoloġija diġitali hija effettiva u irħas għandu jinxtara apparat li jiswa madwar tletin ewro sabiex il-laqgħat jiġu rrikordjati fuq sistema ta' *voice recording* u dan skond kif provdut f'artikolu 14A sotto paragrafu (9) tas-Sitt Skeda (artikolu 43) Ordnijiet Permanenti tal-Att Dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363).

**1.0 Item 1: Talba**

**1.1** Il-Laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. u nfethet b'talba qasira mis-Sindku u l-Kunsilliera kollha preżenti.

**1.2** Hawnhekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informal lill-Kunsill li s-Sinjur Cleaven C. Bugeja bagħt jinforma li kien se jkun skużat għal din il-laqgħa.

**2.0 Item 2: Qari u approvazjoni tal-minuti (minuti tas-27 ta' Lulju, 2010 minuti tal-4 ta' Awissu, 2010)**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti kemm tal-ewwel parti tal-għaxar part ital-laqgħa tas-sbatax il-sena (Is-Sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali Santa Venera kif ukoll tat-Tieni parti tat-tkomplija tal-għaxar laqgħa tas-sbatax il-sena (is-Sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Lulju, 2010 u nhar l-Erbgħa 4 ta' Awissu, 2010 rispettivament.

Il-minuti kemm tal-ewwel parti kif ukoll tat-tieni part ital-għaxar Laqgħa tas-sbatax il-sena (Is-Sitt Kunsill) ġew approvati u kkoreġuti.

**3.0 Affarijiet li tqajmu mill-minuti (minuti tas-27 ta' Lulju, 2010 u minuti tat-tieni parti tal-Laqgħa li seħħet fl-4 ta' Awissu, 2010)**

**Minuta 3.1 (l-ewwel parti)**

Il-Kunsillier, is-Sur Charles Camilleri staqsa għaliex huma biss il-*crash barriers* ta' quddiem l-istabbiliment ''Podium'' li qed jiġu msemmija.
Il-Viċi Sindku spjega illi din ġiet imposta fuq il-Kunsill mill-Awtorita Dwar it-Trasport, (ADT) issa Transport Malta (TM).

**Minuta 3.8**

Il-Kunsillier, is-Sur Stephen Sultana qal li dan ir-rendikont għadu ma wasalx għalhekk dan għandu jintalab mingħand l-accountant tal-Kunsill.

**Minuta 5.4**

Il-Kunsillier, is-Sur Charles Camilleri qal li xtaq jgħamilha ċara li hu kontra li jsiru *sleeping policeman.*

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jkun hemm sospensjoni tal- ordnijiet permanenti dwar l-aġenda u mexa dwar il-ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku.
Il-Kunsillier, is-Sur Charles Camilleri ippreseda din il-parti tal-laqgħa.
Is-Sur Charles Camilleri staqsa lill-Viċi Sindku, s-Sur Horace J. Anastasi jekk skont kif provdut fl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali huwa (Is-Sur Horace J. Anastasi) kienx ser jaċċetta l-ħatra ta' Sindku bl-approvazzjoni tal-Kunsilliera kollha preżenti.

Wara dan l-istadju s-Sur Ronald Briffa ġie maħtur Viċi Sindku bl-approvazzjoni tal-Kunsilliera kollha preżenti.

Sar qbil li l-ġurament tal-ħatra kemm tas-Sindku kif ukoll tal-Viċi Sindku jingħata ġurnata oħra wara li jiġi elett/a kunsilliera/a ieħor għall-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.
Kemm is-Sur Horace J. Anastasi u kif ukoll is-Sur Ronald Briffa rringrazzjaw lill-Kunsilliera preżenti għaall-approvazzjoni unanima tal-Kunsillieri, kemm dik tas-Sindku kif ukoll tal-Viċi Sindku u jwegħdu li jkomplu jaħdmu b'risq ir-residenti kif ukoll b'risq il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

F’dan l-istadju s-Sur Horace J. Anastasi kompla jippresedi l-Kunsill fil-vesti tiegħu bħala Sindku tal-Kunsill Lokali Santa Venera.

**L-Aġenda Tkompli: Affarijiet li tqajjmu mill-minuti tas-27 ta’ Lulju, 2010 u t-tieni parti li seħħet fl-4 ta’ Awissu, 2010)**

**Item 1.1.1 Korrispondenza part ital-minuti 4/8/2010**

Il-Kunsillier, is-Sur Stephen Sultana qal illi s-sostennibilta’ finanzjarja huwa kien jistenna li jiġu ppreżentati dokumenti finanzjarji sabiex il-Kunsill ikun jista’ jieħu deċiżżjoni aktar għaqlija.
Is-Sindku, s-Sur Horace J. Anastasi qal li jixtieq jerġa’ ifakkar illi huwa u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienu talbu laqgħa b’urġenza mal-accountant tal-Kunsill. Wieħed mill-punti kruċjali li ġie diskuss kien jekk il-Kunsill Lokali Santa Venera kiens f’qagħda finanzjarja addattata li jidħol fil-ftehim mal-Public Private Partnership (PPP) dwar it-toroq magħżula *batch* ġewwa Santa Venera.

Is-Sindku qal li kif jista’ jikkonferma wkoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, l-accountant ikkonfermat fil-pożittiv. Il-Kunsill talab li jingħata risposta bil-miktub u wara l-Kunsill irċieva rendikont tal-finanzi tal-Kunsill sat-30 ta’ Ġunju, 2010 u fuq dan il-Kunsill talab li l-accountant tkun preżenti f’laqgħa li ssejħet b’urġenza f’19 ta’ Awissu, 2010.

**Item 3.1 – Ġieħ Santa Venera 2010**

Il-Kunsill reġa’ irrefera għall-paragrafu 7.1.6 tal-Linji Gwida (Settembru 2002) li jgħid hekk:
‘’ Id-deċiżjoni tal-Kunsill wara r-rakkomandazzjoni mill-Kumitat tal-Għażla, tkun finali u irreparabbli.’’
Il-Kunsill reġa’ rrefera għal paragrafu 8.4 dwar in-nominazzjoni tal-membri ta’ dan il-kumitat li jkunu nomminat mill-Kunsill għat-terminu tal-Kunsill li qabel kien tlett snin u issa ġiet erba’ snin.

Il-Kunsill qabel lic-Chairperson ta’ dan il-Kumitat – Ġieħ Santa Venera tinforma lill-Kunsill dwar meta sejra ssir l-ewwel laqgħa tal-Kumitat dwar Ġieħ Santa Venera 2010. Dan qed jintalab peress lill-Kunsill qed iħoss li ż-żmien qed jagħfas dwar l-għoti tal-Ġieħ u normalment issir fl-ewwel ġimgħat ta’ Novembru.

**Għeluq**

Il-Kunsill qabel lill-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar il-Ġimgħa 27 ta’ Awissu, 2010, fil-5.30pm.
Il-laqgħa għalqet fid-9.10pm.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Aġent Segretarju | Sindku |

Ikkonfermati _________________